

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-31 ta' Mejju 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Rheinland-Pfalz – il-Ġermanja) – Hornbach-Baumarkt-AG vs Finanzamt Landau

(Kawża C-382/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Libertà ta' stabbiliment — Taxxa fuq il-kumpanniji — Leġislazzjoni ta' Stat Membru — Determinazzjoni tad-dħul taxxabli tal-kumpanniji — Vantaġġ mogħti ex gratia minn kumpannija residenti lil kumpannija mhux residenti li magħha hija marbuta permezz ta' rabta ta' interdipendenza — Korrezzjoni tad-dħul taxxabli tal-kumpannija residenti — Assenza ta' korrezzjoni tad-dħul taxxabli fil-każ ta' vantaġġ identiku mogħti minn kumpannija residenti lil kumpannija residenti oħra li magħha hija marbuta b'tali rabtiet — Restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment — Ġustifikazzjoni)

(2018/C 259/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Rheinland-Pfalz

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Hornbach-Baumarkt-AG

Konvenuti: Finanzamt Landau

Dispożittiv

L-Artikolu 43 KE (li sar l-Artikolu 49 TFUE), moqri flimkien mal-Artikolu 48 KE (li sar l-Artikolu 54 TFUE), għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix, bħala prinċipju, leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha d-dħul ta' kumpannija residenti ta' Stat Membru, li ppermetta li kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, li magħha għandha rabtiet ta' interdipendenza, tgawdi minn vantaġġi taħt kundizzjonijiet li ma humiex l-istess bħal dawk li kienu jiftiehem, f'ċirkustanzi identiċi jew simili, terzi persuni indipendenti bejniethom, għandu jiġi kkalkolat bħallikieku kellhom ikunu applikabbli l-kundizzjonijiet li jkunu vantaġġi jkunu ngħataw minn kumpannija residenti lil kumpannija residenti oħra, li magħha jkollha rabtiet ta' interdipendenza. Madankollu hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk il-leġislazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tagħtix il-possibbiltà lill-persuna taxxabli residenti li tipprowa li l-kundizzjonijiet miftiehma rriżultaw għal raġunijiet kummerċjali dovuti għall-pożizzjoni tagħha ta' sħubija mal-kumpannija mhux residenti.

⁽¹⁾ ĠU C 343, 19.9.2016

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tad-29 ta' Mejju 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel – il-Belġju) – Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen, VZW et vs Vlaams Gewest

(Kawża C-426/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni tal-benesseri tal-annimali fil-mument tal-qatla tagħhom — Metodi partikolari ta' qatla preskritti minn riti reliġjużi — Festa Musulmana tas-sagrifiċċju — Regolament (KE) Nru 1099/2009 — Artikolu 2(k) — Artikolu 4(4) — Obbligu li l-qatla bil-forma ritwali sseħħ f'biċċerija li tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 — Validità — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 10 — Libertà tar-reliġjon — Artikolu 13 TFUE — Osservanza ta' użanzi nazzjonali fil-qasam ta' riti reliġjużi)

(2018/C 259/06)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel